



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0270/2023**

12.6.2023

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rikostruzzjoni sostenibbli u l-integrazzjoni tal-Ukrajna fil-komunità  
Ewro-Atlantika  
(2023/2739(RSP))

**Viola von Cramon-Taubadel, Francisco Guerreiro, Nicolae Štefănuță,  
Alviina Alametsä, Alice Kuhnke, Jakop G. Dalunde, Malte Gallée**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rikostruzzjoni sostenibbli u l-integrazzjoni tal-Ukrajna fil-komunità Ewro-Atlantika  
(2023/2739(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna,
- wara li kkunsidra l-Karta tan-NU, Il-Konvenzjonijiet ta' The Hague, il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-protokolli addizzjonali tagħhom u l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u l-Ukraina, min-naħħa l-oħra<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Bucharest tal-2008,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2023 bit-titolu “Analytical report following the Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council and the Council - Commission Opinion on Ukraine’s application for membership of the European Union” (Rapport Analitiku wara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill - Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ukrajna għal sħubija fl-Unjoni Ewropea) (SWD(2023)0030) ,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Josep Borrell u tal-Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Janez Lenarčič dwar il-qedra tad-diġa Kakhovka tas-6 ta' Ġunju 2023;
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Sotto-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet Umanitarji u l-Koordinatur tal-Ġħajnuna ta’ Emerġenza tas-6 ta’ Ġunju 2023,
- wara li kkunsidra l-memo tal-Kunsill tal-Atlantiku lill-mexxejja tan-NATO tad-19 ta’ April 2023,
- wara li kkunsidra l-Communiqué tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin ta’ Ġappun 2023 tal-G7 tat-18 ta’ April 2023,
- wara li kkunsidra t-tieni Valutazzjoni Rapida tal-Ukrajna dwar id-Danni u l-Ħtiġijiet: Frar 2022 - Frar 2023 tal-20 ta’ Marzu 2023 mill-Bank Dinji, mill-Gvern tal-Ukrajna, mill-Unjoni Ewropea u min-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konguṇta wara l-24 Summit bejn l-UE u l-Ukrajna tat-

<sup>1</sup> ĠUL 161, 29.5.2014, p. 3.

3 ta' Frar 2023,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ĝeneralni tan-Nazzjonijiet Uniti ES-11/5 tal-14 ta' Novembru 2022 bit-titolu "Furtherance of remedy and reparation for aggression against Ukraine" (Aggressjoni kontra l-Ukrajna: rimedju u riparazzjoni),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Federazzjoni Russa bdiet gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata, inġustifikata u illegali kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022; billi l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna bdiet fl-2014 bl-okkupazzjoni ta' partijiet mir-Reġjun ta' Donbas u bl-okkupazzjoni u l-annessjoni tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea tal-Ukrajna;
- B. billi fis-6 ta' Ġunju 2023, fil-bidu tal-kontrooffensiva tal-Ukrajna, ir-Russja attakkat id-Diga tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Kakhovka li tinsab fil-parti okkupata mir-Russja tal-Ukrajna, li rriżultat fi ksur enormi li wassal biex l-ilma jiżdied b'mod mhux ikkontrollat, u b'hekk ħolqot diżastru ekoloġiku b'konsegwenzi fit-tul inkalkolabbi; billi r-Russja żiedet il-livell tal-ilma fil-ġibjun ta' Kakhovka għal livell rekord qabel ma splodiet id-diġa; billi l-istruttura tad-diġa x'aktarx li se tkompli tiddeterjora fil-futur qarib, u dan se jikkawża għargħar addizzjonal; billi l-operatur Ukrén tad-diġa Ukrhydroenergo ddikjara li l-istazzjon ta' Nova Kakhovka kien "inqered kompletament" u ma setax jiġi rrestawrat;
- C. billi l-Koordinatur tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Ġħajjnuna ta' Emerġenza rrappoporta fil-Kunsill tas-Sigurtà li l-qedra tad-diġa ta' Kakhovka hija waħda mill-aktar każijiet sinifikanti ta' ħsara lill-infrastruttura ċivili mill-bidu tal-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja tal-Ukrajna u wissa li se jkollha konsegwenzi gravi u estensivi għal eluf ta' persuni fin-Nofsinhar tal-Ukrajna; billi l-qedra tad-diġa hija reat tal-gwerra skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra li tikkawża qerda massiva;
- D. billi kemm l-Ukrajna kif ukoll ir-Russja s'issa rrappoportaw diversi mwiet bħala riżultat tal-ġħargħar; billi eluf ta' persuni ġew evakwati minkejja l-bombardamenti mmirati kontinwi taż-żona affettwata mill-forzi Russi; billi l-Ukrajna stmat li għexieren ta' eluf ta' persuni għadhom maqbuda fiż-żona affettwata u mijiet ta' eluf tħallew mingħajr aċċess għal ilma tax-xorb sikur;
- E. billi għexieren ta' eluf ta' ettari ta' art agrikola ġew meqruda, u dan wassal għall-qerda tal-ġhelejjel ta' din is-sena; billi mijiet ta' eluf ta' ettari ta' art issa jinsabu f'riskju ta' deżertifikazzjoni; billi x-xmara Dnipro għiet ikkontaminata b'150 tunnellata ta' lubrikant industrijali u 300 tunnellata oħra kienu f'riskju ta' tnixxija, u kompliet ix-xejra tal-ekoċidju kkawżata mir-Russja fl-Ukrajna; billi l-qedra tad-diġa hija mistennija tgħarraq 55 000 ettaru ta' foresta u tqred 80 000 ettaru ta' żoni naturali protetti; billi għadd mhux magħruf ta' animali selväġġi, animali tad-dar, u bhejjem, inklużi mijiet ta' animali fiż-żoo "Fairytale Dibrova", sparixxew bħala riżultat tal-ġħargħar;
- F. billi l-mini tal-art inqalgħu mill-forza tal-ġħargħar, u dan wassal għal tħassib serju dwar is-sikurezza tan-nies fir-reġjun, u s-Salib l-Aħmar irrapportat li tilfet amment tal-post fejn jinsabu l-mini tal-art;
- G. billi l-kumpanija tal-enerġija nukleari tal-istat tal-Ukrajna, Energoatom, irrapportat li t-

tnejjixx tnaqqis fil-livelli tal-ilma fir-riżerva ta' Kakashka bħala riżultat tal-qedda tar-Russja tad-diġa joħloq theddida addizzjonal għall-impjant tal-enerġija nukleari (NPP) ta' Zaporizzhia; billi l-esperti tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) fuq il-post qed jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni u jirrapportaw li jeħtieġu aċċess usa' għall-impjant biex jivverifikaw "diskrepanza sinifikanti" fid-data dwar il-livelli tal-ilma użat għat-tkessiħ tar-reatturi tal-impjant mid-diġa mkissra ta' Kakhovka;

- H. billi t-tieni Valutazzjoni Rapida dwar id-Danni u l-ħtiġijiet tistma li l-ispiża tar-rikostruzzjoni u tal-irkupru fl-Ukrajna kibret għal mill-inqas EUR 383 biljun; billi, fis-26 ta' Jannar 2023, tnediet il-Pjattaforma għall-Koordinazzjoni tad-Donaturi biex tappoġġja l-proċess ta' tiswija, irkupru u rikostruzzjoni tal-Ukrajna;
- I. billi t-telf tal-ħajja, tal-għajxien, tal-introjtu u tal-assi waslu biex 7.1 miljun persuna jijspiċċaw fil-faqar u reġgħu lura 15-il sena ta' progress fl-iżvilupp; billi l-gwerra aggravat l-inugwaljanzi, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa, lit-tfal u lill-persuni b'diżabilità u rriżultat fi tfixkil drammatiku fl-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, speċjalment dawk relatati mal-faqar, mas-sahħha, mal-edukazzjoni, mat-tkabbir ekonomiku, mal-enerġija, mal-paċi u mal-ġustizzja; billi l-ħtiġijiet ta' rikostruzzjoni se jkomplu jikbru sakemm tkompli l-gwerra;
- J. billi fit-28 ta' Frar 2022 l-Ukrajna applikat għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea; billi, minkejja l-aggressjoni Russa u s-sitwazzjoni soċjoekonomika prekarja, il-Gvern tal-Ukrajna rnexxielu jikseb xi suċċess fit-tkomplija tar-riformi biex jippromwovi deċentralizzazzjoni u d-demokratizzazzjoni; billi l-Kummissjoni hija mistennija li tipprovdi aġġornament orali dwar il-valutazzjoni tal-proċess ta' riforma tal-integrazzjoni tal-UE tal-Ukrajna qabel il-pakkett ta' tkabbir mistenni fil-ħarifa tal-2023;
- K. billi fl-2008 l-Ukrajna applikat biex tipparteċipa fil-Pjan ta' Azzjoni għas-Sħubija fin-NATO; billi fl-2008, il-membri tan-NATO ta' Bucharest qablu li l-Ukrajna tista' tingħaqad man-NATO; billi l-Ukrajna applikat formalment biex tissieħeb man-NATO fit-30 ta' Settembru 2022; billi fid-19 ta' April 2023, il-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana appella għal sħubija eventwali fin-NATO għall-Ukrajna, ippreċeduta minn passi interim biex tittejeb il-kooperazzjoni u l-kapaċità fit-tul tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha;
- 1. Itenni l-kundanna tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-involvement tal-Belarussja f'din il-gwerra, u jesīgi li r-Russja ttemm minnufih l-attività militari kollha fl-Ukrajna u tirtira mingħajr ebda kundizzjoni l-forzi u t-tagħmir militari kollu tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna li huwa rikonoxxut fuq livell internazzjonal;
- 2. Jesprimi s-solidarjetà assoluta tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna, jappoġġja bis-shiħi l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, u jissottolinja li din il-gwerra tikkostitwixxi ksur serju tal-liġi internazzjonal;
- 3. Jikkundanna lill-Federazzjoni Russa bl-aktar termini qawwija possibbi għall-qedda tagħha u t-tkissir konsegwenti tad-diġa Nova Kakhovka fiż-żona okkupata mir-Russja fin-Nofsinhar tal-Ukrajna, bl-użu ta' diżastru kkawżat mill-bniedem bħala arma tal-gwerra; jisħaq li dan l-att atroċi ta' aggressjoni mir-Russja jikkostitwixxi ekoċidju

peress li l-konsegwenzi tiegħu diġà qed juru sinjali ta' ħsara tal-massa u qerda tal-ekosistemi;

4. Jenfasizza li l-qedda tad-diġa mir-Russia hija attakk ċar fuq l-infrastruttura ċivili kritika u għalhekk tirrappreżenta delitt tal-gwerra; ifakk li d-dritt internazzjonali jispecifik li l-installazzjonijiet li fihom forzi perikolużi jridu jirċievu protezzjoni speċjalisti preċiżament minħabba li l-qedda tagħhom tista' tikkawża telf serju għall-popolazzjoni ċivili;
5. Jikkundanna, barra minn hekk, il-kontinwazzjoni rrapportata ta' bombardamenti mill-forzi Russi ta' Kherson, immirata lejn il-persunal tas-salvataġġ u l-postijiet ta' kenn għall-evakwazzjoni u li tipperikola serjament l-isforzi ta' evakwazzjoni umanitarja;
6. Jilqa' r-rispons rapidu tal-Kummissjoni permezz tal-Mekkaniżmu tagħha għall-Protezzjoni Ċivili; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali usa' jipprovd għajjnuna umanitarja immedjata b'rispons għad-diżastru, inklużi kenn, ikel u ilma tax-xorb sikur, kif ukoll jipprovd assistenza mmirata fit-tul biex jiġi mmitigat kemm jista' jkun l-impatt ekoloġiku fit-tul; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jipproteġu lill-Ukrajna minn atti ulterjuri ta' ekoċidju mill-Federazzjoni Russa;
7. Jesprimi t-tħassib kontinwu tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-NPP ta' Zaporizhzhia; jitlob aċċess immedjat għall-faċilitajiet rilevanti fl-NPP ta' Zaporizhzhia mill-persunal tal-IAEA biex ikunu jistgħu jiċċaraw ir-raġunijiet għad-diskrepanza fil-livelli tal-ġibjun ta' Kakhovka; jappoġġja l-isforzi biex tinżamm preżenza kontinwa tal-IAEA fl-NPP ta' Zaporizhzhia sabiex tiġi appoġġjata l-Ukrajna u tinħoloq żona ta' protezzjoni tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari madwar l-NPP ta' Zaporizhzhia; jissottolinja l-importanza li jissahħħah il-qafas internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-faċilitajiet nukleari ddedikati għal skopijiet paċċifici inkluż f'kunflitti armati;
8. Itenni t-tħassib profond tiegħu dwar l-impatt ambientali usa' fit-tul tal-kunflitt; ifakk u jikkundanna l-atti preċedenti mir-Russia ta' ekoċidju kontra l-flora u l-fawna tal-Ukrajna permezz tal-azzjonijiet militari tagħha, inkluż il-qtugħ tas-siġar għall-injam tal-foresti tal-Ukrajna, it-tħaffir ta' żoni kbar u l-avvelenament tar-riżorsi tal-arja u tal-ilma;
9. Itenni li l-Federazzjoni Russa sejkollha tinżamm responsabbi għar-reati li qed tkompli twettaq fl-Ukrajna u tikkumpensa finanzjarjament lill-Ukrajna għall-ispejjeż tar-rikostruzzjoni sostenibbi fit-tul tagħha; jinsisti li l-uffiċjali tal-gvern u l-mexxejja militari responsabbi u l-awturi l-oħra ta' reati tal-gwerra jeħtiġilhom jinżammu responsabbi; itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħidma tal-QKI biex tgħin ħalli tintemm l-impunità tal-awturi tad-delitti l-aktar gravi li jqajmu tħassib fost il-komunità internazzjonali;
10. Itenni l-appoġġ tiegħu għar-rakkomandazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU biex jinħoloq registryu internazzjonali tal-ħsara biex tiġi rreġistrata l-evidenza ta' ħsara, it-telf jew il-korriġment għall-persuni fiziċċi u ġuridiċi, u l-ħsara mifruxa, fit-tul u gravi kkawżata fuq l-ambjent naturali u l-klima, inkluża evidenza ta' ekoċidju kkawżat mir-Russia, kif ukoll il-promozzjoni u l-koordinazzjoni tal-għidha tal-evidenza;
11. Jisħaq fuq l-importanza li mhux biss jinbena mill-ġdid dak li nqered fl-Ukrajna iżda

wkoll tar-rikostruzzjoni abbażi ta' viżjoni ta' Ukrajna nadifa, sostenibbli u li taħdem bis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'konformità mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jilqa' f'dan ir-rigward l-isforzi ta' rikostruzzjoni sostenibbli li diġà għaddejjin f'żoni ħiesa tal-pajjiż;

12. Jenfasizza li biex ir-rikostruzzjoni tagħha ssir sostenibbli, effiċjenti u effettiva, l-Ukrajna jeħtiġilha tiżgura trasparenza fl-infiq; jirrimarka f'dan ir-rigward ir-rwol importanti tas-soċjetà ċivili, tal-awtoritajiet lokali u tas-sħab soċjali fl-irkupru u fir-rikostruzzjoni ġenerali tal-Ukrajna, kemm fit-tħejjija issa kif ukoll fl-implementazzjoni wara li tkun intemmet il-gwerra; jisħaq li l-involviment ta' dawn l-atturi jikkontribwixxi għat-trasparenza u l-ġustizzja;
13. Jisħaq li l-irkupru soċjali u ekonomiku sostenibbli tal-Ukrajna jirrikjedi l-istabbiliment mill-ġdid tad-djalogu soċjali; jinnota li d-djalogu soċjali huwa kopert fil-konvenzjonijiet tal-ILO u fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmobilizza s-sħab internazzjonali u l-fondi għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna billi tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u l-gvern ċentrali fl-Ukrajna, filwaqt li tinsisti fuq riformi demokratiċi u istituzzjonali ambizzju, inklużi fil-libertà tal-media, l-istat tad-dritt, il-ġlied kontra l-korruzzjoni, u d-deċentralizzazzjoni; itenni l-appell tiegħu biex jiġi kkunsidrat l-użu tal-assi ffriżati ta' Russi ssanzjonati u tal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu approċċ inklużiv u sensittiv għall-ġeneru fil-pjanijiet tagħhom għar-rikostruzzjoni sostenibbli tal-Ukrajna, li għandu jkun sostnūt mill-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku tal-UE u li jitfassal f'kollaborazzjoni mal-gvern tal-Ukrajna u mas-soċjetà ċivili tal-Ukrajna; jinnota li approċċ bħal dan jaġi għażiex li jitqiesu l-ħtiġijiet tan-nisa, tal-persuni b'diżabilità, tal-anzjani, tal-minoranzi u tal-komunità LGBTQ+ meta jiġi ffinanzjati proġetti ta' rikostruzzjoni, b'mod partikolari faċilitajiet ta' infrastruttura soċjali;
16. Jistieden lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Ukrajna jħejju wkoll għall-ħtiġijiet sinifikanti (mentali) tal-kura tas-sahħha wara l-gwerra f'regħuni li qabel kienu okkupati, speċjalment għal dawk li kienu detenuti, torturati, stuprati jew b'xi mod ieħor abbużati mill-forzi ta' okkupazzjoni Russi, inkluż fil-Krimea; jitlob f'dan ir-rigward li r-Russja teħles minnufih il-priġunieri politiċi kollha fit-territorji okkupati tal-Ukrajna;
17. Ifaħħar lill-Ukrajna dwar il-progress li sar bir-riformi tagħha wara d-deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti status ta' kandidat, f'konformità mal-Artikolu 49 tat-TUE u bħala l-bidu ta' proċess ibbażat fuq il-mertu; jistieden lill-Ukrajna tkompli timplimenta r-riformi meħtieġa, b'mod partikolari dwar l-istat tad-dritt, id-demokrazija, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlied kontra l-korruzzjoni qabel il-pakkett ta' tkabbir tal-Kummissjoni li għandu jiġi ppubblikat fil-ħarifa;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jħejju strutturi interni filwaqt li jipprovd riżorsi addizzjonal, kif ukoll aktar assistenza teknika u appoġġ politiku, sabiex jikkollaboraw b'mod sinifikattiv mal-Ukrajna fit-triq tagħha lejn l-adeżjoni mal-UE u jippromwovu l-integrazzjoni tagħha;

19. Jistenna bil-ħerqa l-aġġornament orali tal-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni tas-seba' riformi meħtieġa kif ukoll il-pakkett tat-tkabbir li sar għall-ħarifa ta' din is-sena;
20. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-rieda politika biex jagħtu spinta ġdida lill-proċess ta' tkabbir u jwettqu l-wegħdiet tagħhom permezz ta' passi pożittivi konkreti fil-proċessi ta' adeżjoni ta' pajjiżi li għandhom l-għan li jissieħbu fl-Unjoni u li jistħoqqilhom li jkunu parti mill-familja Ewropea;
21. Jisħaq li ma jista' jkun hemm l-ebda alternattiva għall-proċess ta' adeżjoni, peress li kwalunkwe alternattiva tirriskja li timmina l-impenġġ tal-UE għat-tkabbir u twaqqaf l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-pajjiżi li jfittxu li jsiru Stati Membri tal-Unjoni;
22. Jisħaq li kull demokrazija Ewropea għandha d-drift li tagħżel l-alleanzi tagħha; jinnota li l-Ukrajna applikat għas-sħubija fin-NATO u li, mill-2008, il-membri tan-NATO qablu fil-prinċipju li l-Ukrajna tista' tingħaqad man-NATO; jissottolinja li minħabba l-kunflitt armat li għaddej ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, mhixiex mistennija sħubija immedjata mill-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana tan-NATO; jisħaq fuq il-ħtieġa li titħejja proċedura aċċellerata wara l-gwerra, jekk iż-żewġ naħħat jaqblu dwar dan;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna, kif ukoll lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.